MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 905/2009

**IL-PULIZIJA**

**(Supretendent Sharon Tanti)**

**vs**

**Anthony Bezzina**
**Victor Bezzina**
**Pierre Balzan**
**Bartholomeo Gauci**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Anthony Bezzina ta’ 60 sena, bin Saviour u Frances nee’ Formosa, imwieled Paola fit-13 ta’ Novembru 1948 u residenti 7, Triq it-Tfief, Paola u detentur tal-karta tal-identita’ numru 1004848(M) u l-imputat Victor Bezzina ta’ 58 sena, bin Saviour u Francis

nee' Formosa, imwieled Paola fit-13 ta' Settembru, 1951 u residenti f' numru 13, Triq tas-Sliema, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' 750751M u l-imputat Pierre Balzan ta' 41 sena, bin Joseph u Angela nee' Bezzina, imwieled Attard fid-29 ta' Gunju, 1968 u residenti numru 32, 'Carlton Heights', Triq Ferdinand Von Hompesch, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 268668M u l-imputat Bartholomeo Gauci ta' 44 sena, bin Antonio u Carmela nee' Bonnici, imwieled Pieta' fit-22 ta' Lulju, 1965 u residenti f' numru 15, Corton, Suffolk Hse ; Triq Sir Arthur Fremantle, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 370765M gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Fis-16 ta' Frar 2005 ghal habta ta' xi 11.45 am fil-fond Bezzina Shipyards, Ras Hanzir, limiti ta' Paola,

1) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti bhala persuni responsabbli ta' Bezzina Shipyards u tal-Kumpanija bl-isem ta' 'Melita Yacht Painters Ltd' ikkagunaw il-mewt ta' Hercules Belara ta' nazzjonalita' Filippina u dan bi ksur tal-artikolu 225, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu li jizguraw is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan bi ksur art. 6 (1) tal-Kap. 424 u L.N. 36/03 Art. 4 (1) (2) (3) u 10 (1) (2).

3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu li jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-apparat tax-xoghol ghad-dispozizzjoni tal-haddiema jkun addattat u dan bi ksur tal-art. 3 (1) (a) (b) u 5 (1) ta' L.N. 282/04.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-19 ta' Awwissu 2010 (inserita a fol. 141 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(1) Fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Fl-Artikoli 6(1) u 38 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikoli 4(1), (2), (3); 10(1), (2) u 21 ta' l-Avviz Legali 36 ta' l-2003 [L.S. 424.18];
(3) Fl-Artikoli 3(1)(a)(b), 5(1) u 11 ta' l-Avviz Legali 282 ta' l-2004 [L.S. 424.30];
(4) Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu 2011 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Novembru 2011 fejn gie deciz li x-xhieda li semghu bil-gurament l-esperti nominati fl-Inkjesta Magisterjali ma kienux ammissibbli bhala prova f'dawn il-proceduri stante li l-Perit Richard Aquilina u Dr. Andrew A. Borg marru oltre n-nomina taghhom meta semghu x-xhieda bil-gurament u fejn anki siltiet mix-xhieda ta' Charles Micallef f'dawn il-proceduri, senjatament kull fejn dan irrefera ghal dak li qalulu l-imputati, gie ritenut bhala inammissibbli stante li l-istess imputati ma nghatawx il-fakulta' li jikkonsultaw ma avukat qabel ma tkellmu ma Charles Micallef li kien qed jagixxi bhala investigatur ghan-nom tal-Occupational Health and Safety Authority.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw il-mewt ta' haddiem ta' nazzjonalita' Filippina, certu Hercules Belara, li sehhet fis-16 ta' Frar, 2005 waqt li dan kien qed jaghmel xoghol ta' xkatlar fuq genb ta' yacht bl-isem ta' 'Lady Good Girl' waqt li l-istess yacht kienet sorguta mal-moll ta' Ras Hanzir, il-Marsa, propjeta' ta' Bezzina Shipyards. Mill-provi rrizulta li Hercules Belara kien qed jahdem fuq scaffolding tal-hadid bi planki tal-injam armat mal-genb

tal-imsemmi yacht. Fil-post minn fejn waqa' Belara kien hemm tlett itwavel tal-pied hdejn xulxin, il-genb tal-yacht kien jaqleb il-barra u skond l-espert tekniku l-Perit Richard Aquilina, x-xoghol ta' xkatlar ma kienx facli billi wiehed ma setghax joqghod bil-wieqfa dritt u fil-post minn fejn waqa' Belera ma kienx hemm qlugh fuq in-naha ta' barra. Mill-provi u senjatament mix-xhieda ta' siehbu Hilario Aquino li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2010 u li kien qed jaghmel xoghol ta' xkatlar vicin tieghu irrizulta li Belara waqa' waqt li kien ser iqum jew jitbaxxa u waqa' lura. Irrizulta wkoll li huwa waqa' minn gholi ta' 4.60 metri u li meta laqat l-art gie b'wiccu l-isfel. Mir-rapport tal-esperti patologisti Profs. Marie Therese Camilleri u Dr Ali Safraz[1] jirrizulta li "The death of this middle-aged male is due to fractured skull and laceration of the brain following an accidental fall from a height'.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputati jinsabu akkuzati bhala persuni responsabbli ta' Bezzina Shipyards u tal-kumpanija bl-isem ta' 'Melita Yacht Painters Ltd' li minhabba traskuragni u nuqqas ta' hila fil-professjoni u sengha taghhom u minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunaw il-mewt ta' Hercules Belara. L-imputati jinsabu wkoll akkuzati bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-provvedimenti tal-AL 36/03 u 282/04 stante li l-Prosekuzzjoni tirritjeni li bhala persuni li kienu jimpjegaw lil Hercules Belara naqsu milli jizguraw sigurta' fuq il-post tax-xoghol u naqsu milli jizguraw li l-apparat ghad-disposizzjoni tal-haddiema kien addattat. Wara li sar ezami bir-reqqa ta' dawk il-provi kollha li setghu jigu ritenuti bhala ammissibbli minn din il-Qorti ghal finijiet ta' sejbien ta' htija o meno din il-Qorti setghat tikkonstata li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq provi sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputati kienu responsabbli mis-socjeta' li kienet timpjega lil Belara jew li altrimenti kienu responsabbli mill-armar tal-iscaffolding. Mix-xhieda ta' Chris Abela ir-rapprezentant tar-Registratur

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 31 sa 33 tal-Proces Verbal inserit aa fol. 38 tal-atti processwali.

tal-Kumpaniji li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 ta' Gunju 2010 u mid-dokumenti minnu esebiti jirrizulta li l-imputati Victor Bezzina u Pierre Balzan huma diretturi tas-socjeta' Melita Yachting Partners Limited (C24562), li l-imputati Anthony u Victor Bezzina huma diretturi tas-socjeta' Bezzina Yacht Yard Limited (C29293) u li l-istess Anthony u Victor Bezzina huma diretturi tas-socjeta' Bezzina Ship Repair Yard Limited (C8570). Hilario Aquino meta xehed f'dawn il-proceduri qal li huwa kien impjegat ma' Melita Yacht Painting Limited. L-Ufficjal Investigattiv l-ex Spettur Malcolm Spiteri meta xehed waqt l-udjenza tat-30 ta' April 2010 xehed li Belara kien impjegat ma' Melita Yacht Painters Limited. Anthony Mamo li xehed waqt l-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2010 xehed li huwa kien impjegat ma MIP Limited. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk la gabet il-prova li ebda wiehed mill-imputati kien b'xi mod responsabbli mis-socjeta' Melita Yacht Painters Limited, u cioe' is-socjeta' indikata fic-charge sheet u s-socjeta' li mill-provi rrizulta li kienet timpjega lil Belara u dan jinghad stante li kif ghadu kemm gie rilevat il-Prosekuzzjoni esebiet il-Memorandum and Articles tas-socjeta' Melita Yacht Partners Limited u mhux dak tas-socjeta' Melita Yacht Painters Ltd. L-istess Prosekuzzjoni l-anqas ma gabet il-prova li Bezzina Shipyards kienu gestiti mis-socjetajiet Bezzina Yacht Yard Limited u Bezzina Ship Repair Yard Limited u l-anqas li dawn is-socjetatjiet kienu b'xi mod responsabbli mill-armar tal-iscaffolding li minn fuqu waqa' Belara. Mill-provi l-anqas ma rrizulta li ebda wiehed mill-imputati kien fuq il-post tal-incident meta sehh l-istess incident. Mill-provi ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jinghad li giet pruvata xi forma ta' responsabilta' vikarja jew xi forma ta' culpa ghall-akkadut

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------